KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fis-27 ta’ Ottubru 2020[1]

**Kawża C-453/19 P**

**Deutsche Lufthansa AG**
**vs**

**Il-Kummissjoni**

“Appell – Għajnuna mill-Istat – Għajnuna individwali – Deċiżjoni li tikklassifika l-miżuri favur l-ajruport ta’ Frankfurt Hahn bħala għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern u li tikkonstata l-assenza ta’ għajnuna mill-Istat favur il-linji tal-ajru li jagħmlu użu minn dan l-ajruport – Inammissibbiltà ta’ rikors għal annullament – Inċidenza individwali – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva”

## I. Introduzzjoni

1. L-ammissibbiltà tar-rikorsi għall-annullament ta’ deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat ippreżentata minn kompetitur tal-benefiċjarju tal-miżura inkwistjoni hija s-suġġett ta’ kontenzjuż abbundanti. Dan l-appell jixhed dan biżżejjed.

2. L-appellanti, Deutsche Lufthansa AG, titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta’ April 2019, Deutsche Lufthansa vs Il-Kummissjoni (T-492/15, iktar ’il quddiem is-“sentenza appellata”, EU:T:2019:252), li permezz tagħha din iddeċidiet li r-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/789, tal-1 ta’ Ottubru 2014, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.21121 (C29/08) (ex NN 54/07) implimentata mill-Ġermanja fir-rigward tal-finanzjament tal-ajruport ta’ Frankfurt-Hahn u r-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-ajruport u Ryanair (ĠU 2016, L 134, p. 46) (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”) kien inammissibbli.

3. Konformement mat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-konklużjonijiet ser ikunu limitati għall-analiżi tar-raba’ sas-sitt partijiet tal-ewwel aggravju, dwar l-evalwazzjoni tal-inċidenza individwali fuq l-appellanti fis-sens tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

## II. Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

4. Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew spjegati fid-dettall fis-sentenza appellata, li għaliha jsir riferiment f'dan ir-rigward[2]. Il-fatti essenzjali u neċessarji sabiex jinftiehmu dawn il-konklużjonijiet jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

5. L-appellanti hija linja tal-ajru stabbilita fil-Ġermanja, li l-attività ewlenija tagħha hija t-trasport ta' passiġġieri.

6. L-ajruport ta' Frankfurt Hahn (il-Ġermanja) jinsab fit-territorju tal-Land Rheinland-Pfalz (iktar 'il quddiem il-"Land"), madwar 115-il km mill-ajruport ta' Frankfurt am Main (il-Ġermanja), l-ewwel ajruport bażi tal-appellanti. Mill-1 ta' April 1995, dan sar proprjetà ta' Holding Unternehmen Hahn GmbH & Co. KG, sħubija pubblika-privata li fiha kienet tipparteċipa l-Land, u beda jiġi operat minn Flughafen Hahn GmbH & Co. KG Lautzenhausen (iktar 'il quddiem "Flughafen Hahn"). Mill-1 ta' Jannar 1998, Flughafen Hahn saret prinċipalment proprjetà ta' Flughafen Frankfurt/Main GmbH (iktar 'il quddiem "Fraport"), kumpannija li topera u tamministra l-ajruport ta' Frankfurt am Main.

7. Fl-1999, Flughafen Hahn ikkonkludiet ftehim ta' ħames snin ma' Ryanair Ltd (li issa saret Ryanair DAC, iktar 'il quddiem "Ryanair") dwar l-ammont tat-tariffi tal-ajruport li Ryanair kellha tħallas. Dan il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 1999 (iktar 'il quddiem il-"ftehim ma' Ryanair tal-1999").

8. Fl-istess sena, il-Land u Fraport ikkonkludew ftehim ta' trasferiment tal-profitti, li permezz tiegħu Fraport intrabtet li tkopri t-telf ta' Flughafen Hahn bħala korrispettiv għal dritt esklużiv fuq il-profitti ġġenerati minn din tal-aħħar. Il-ftehim ta' trasferiment tal-profitti daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2001.

9. Sussegwentement, Holding Unternehmen Hahn & Co. u Flughafen Hahn ingħaqdu sabiex jifformaw Flughafen Hahn GmbH, (li saret Flughafen Frankfurt Hahn GmbH, iktar 'il quddiem "FFHG"), li 26.93 % tal-kapital tagħha kien miżmum mil-Land, u 73.07 % minn Fraport.

10. Fil-11 ta' Ġunju 2001, Fraport ġiet ikkwotata fil-Borża, u 29.71 % tal-ishma tagħha nbiegħu lil azzjonisti privati, filwaqt li l-bqija tal-ishma baqgħu fil-pussess ta' azzjonisti pubbliċi.

11. Bejn ix-xahar ta' Diċembru 2001 u x-xahar ta' Jannar 2002, Fraport u l-Land żiedu l-kapital ta' FFHG (iktar 'il quddiem iż-"żieda fil-kapital tal-2001") b'EUR 27 miljun, sottoskritti minn Fraport u mil-Land fl-ammont ta' EUR 19.7 miljun u EUR 7.3 miljun rispettivament. Din iż-żieda fil-kapital kienet intiża sabiex tiffinanzja l-parti l-iktar urġenti ta' programm ta' titjib fl-infrastruttura tal-ajruport.

12. Fl-14 ta' Frar 2002, il-ftehim ma' Ryanair tal-1999 ġie ssostitwit bi ftehim ġdid (iktar 'il quddiem il-"ftehim ma' Ryanair tal-2002").

13. Fl-istess sena, Fraport, il-Land, FFHG, u l-Land ta' Hessen (il-Ġermanja) qablu li l-Land ta' Hessen issir it-tielet azzjonista ta' FFHG, f'każ li tkun meħtieġa żieda fil-kapital.

[2] Punti 1 sa 33 tas-sentenza appellata.

14. Għal dan il-għan, ġie ffirmat ftehim bejn l-azzjonisti matul is-sena 2005 bejn Fraport, il-Land u l-Land ta' Hessen, li permezz tiegħu kellha ssir żieda ta' EUR 19.5 miljun fil-kapital ta' FFHG. Bejn is-sena 2004 u s-sena 2009, Fraport, il-Land, u l-Land ta' Hessen injettaw, rispettivament, EUR 10.21 miljun, EUR 540 000 u EUR 8.75 miljun f'FFHG. Il-Land u l-Land ta' Hessen intrabtu wkoll li jinjettaw EUR 11.25 miljun addizzjonali kull waħda bħala riżerva ta' kapital.

15. Wara din iż-żieda fil-kapital (iktar 'il quddiem, iż-"żieda fil-kapital tal-2004"), Fraport kellha 65 % tal-ishma ta' FFHG, filwaqt li l-Land u l-Land ta' Hessen kellhom 17.5 % kull waħda.

16. Il-ftehim bejn l-azzjonisti kien jipprevedi barra minn hekk li kull dejn ġdid imġarrab minn FFHG kellu jkun kopert minn Fraport, mil-Land u mil-Land ta' Hessen, fil-proporzjon tas-sehem tagħhom fil-kapital ta' FFHG, u li kellu jiġi konkluż ftehim ġdid ta' trasferiment tal-profitt sas-sena 2014 (iktar 'il quddiem il-"ftehim ta' trasferiment tal-profitt tal-2004"). Dan il-ftehim ġie konkluż fil-5 ta' April 2004 u daħal fis-seħħ fit-2 ta' Ġunju 2004.

17. Bejn is-sena 1997 u s-sena 2004, il-Land ħallset lil Flughafen Hahn u sussegwentement lil FFHG sussidji diretti.

18. Barra minn hekk, il-Land stabbilixxiet mekkaniżmu ta' kumpens favur FFHG għall-kontrolli tas-sigurtà, li għalihom il-Land tiġbor taxxa ta' sigurtà ajruportwali mingħand il-passiġġieri kollha li jitilqu mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Il-Land issottokuntrattat l-eżekuzzjoni tal-kontrolli fl-ajruport u ttrasferixxiet id-dħul kollu mit-taxxa tas-sigurtà lil dan tal-aħħar.

19. Fl-4 ta' Novembru 2005, ġie konkluż ftehim addizzjonali għall-ftehim ma' Ryanair tal-2002.

20. Bejn is-sena 2003 u s-sena 2006, il-Kummissjoni rċeviet diversi lmenti dwar allegata għajnuna mill-Istat mogħtija minn Fraport, mil-Land u mil-Land ta' Hessen lil Ryanair u lil FFHG.

21. Fis-17 ta' Ġunju 2008, wara diskussjonijiet mar-Repubblika federali tal-Ġermanja, il-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 108(2) TFUE), għall-għajnuna mill-Istat li tikkonċerna l-finanzjament tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn u r-relazzjonijiet tiegħu ma' Ryanair.

22. Fil-31 ta' Diċembru 2008, Fraport biegħet lil-Land is-sehem kollu tagħha f'FFHG, b'tali mod li l-Land issa kellha sehem maġġoritarju ta' 82.5 % f'FFHG, filwaqt li 17.5 % l-oħra baqgħu miżmuma mil-Land ta' Hessen, u li l-ftehim ta' trasferiment tal-profitt tal-2004 ġie xolt.

23. Fit-13 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni fetħet it-tieni proċedura ta' investigazzjoni formali dwar miżuri ta' finanzjament ta' FFHG meħuda bejn is-sena 2009 u s-sena 2011. Għaldaqstant, kien hemm żewġ proċeduri koeżistenti.

24. Fl-1 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kontenzjuża. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li l-għajnuna mill-Istat implimentata mill-Ġermanja permezz taż-żieda tal-kapital ta' FFHG sottoskritta minn Fraport u mil-Land bejn ix-xahar ta' Diċembru 2001 u x-xahar ta' Jannar 2002, taż-żieda tal-kapital tal-2004 u tas-sussidji diretti mħallsa mil-Land lil Flughafen Hahn imbagħad lil FFHG bejn is-sena 1997 u s-sena 2004 kienet kompatibbli mas-suq intern. Barra minn hekk, hija qieset li ż-żieda fil-kapital tal-2004 minn Fraport u l-ftehim ta' trasferiment tal-profitt tal-2004 ma kinux jikkostitwixxu għajnuna fis-sens

tal-Artikolu 107(1) TFUE. Fl-aħħar nett, hija qieset li l-ftehim ma' Ryanair tal-1999, il-ftehim ma' Ryanair tal-2002 u ż-żieda mal-ftehim ma' Ryanair tal-2002, konkluża fl-4 ta' Novembru 2005 ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

25. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-26 ta' Awwissu 2015, l-appellanti ppreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, li insostenn tiegħu hija qajmet seba' aggravji bbażati, l-ewwel wieħed, fuq żball proċedurali; it-tieni u t-tielet, fuq żbalji ta' evalwazzjoni tal-fatti; ir-raba', fuq kontradizzjonijiet manifesti fid-deċiżjoni kontenzjuża; u, fil-ħames sas-seba', fuq ksur tal-Artikolu 107 TFUE.

26. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli, sa fejn kien jirrigwarda l-miżuri ta' għajnuna individwali favur l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u Ryanair, li huma l-uniċi rilevanti għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet.

## IV. It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

27. Permezz ta' appell ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Ġunju 2019, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tikkonstata li r-rikors kien ammissibbli u fondat;

– tilqa' t-talbiet imressqa fl-ewwel istanza u tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża;

– sussidjarjament, li tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

28. Il-Kummissjoni u l-Land jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

29. Ryanair titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell;

– sussidjarjament, li tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

30. Ma saritx seduta.

## V. Analiżi

31. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li, billi ddeċidiet li r-rikors kien inammissibbli sa fejn kien dirett kontra l-parti tad-deċiżjoni kontenzjuża dwar il-miżuri ta' għajnuna individwali favur FFHG u Ryanair, il-Qorti Ġenerali kisret ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

32. B'mod iktar preċiż, permezz tar-raba' sas-sitt parti tal-ewwel aggravju, ifformulati sussidjarjament, l-appellanti tikkontesta r-raġunament tal-Qorti Ġenerali u l-konklużjoni li hija ma pprovatx b'mod suffiċjenti fid-dritt l-inċidenza individwali fuqha fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

33. Preliminarjament, ser nagħmel ċerti osservazzjonijiet dwar ir-regoli dwar l-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati minn kompetituri kontra deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat adottati wara l-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE. Sussegwentement, ser nanalizza, fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, l-argumenti ppreżentati mill-appellanti insostenn tar-raba' sas-sitt partijiet tal-ewwel aggravju.

### *A. Ir-regoli ta' ammissibbiltà tar-rikorsi għal annullament ippreżentati minn kompetituri fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat*

34. Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jipprevedi żewġ każijiet fejn il-*locus standi* huwa rrikonoxxut lil persuna fiżika jew ġuridika sabiex tippreżenta rikors kontra att tal-Unjoni li tiegħu hija ma hijiex destinatarja: meta dan l-att ikun jirrigwardaha direttament u individwalment u meta jkun att regolatorju li jirrigwardaha direttament u li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni [3].

35. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement iddeċidiet li deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar skema ta' għajnuna tista' tiġi kkunsidrata, fir-rigward b'mod partikolari ta' kompetitur tal-benefiċjarju jew tal-benefiċjarji ta' din l-iskema, bħala att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni [4], u għalhekk jiffaċilita l-preżentata ta' rikors għal annullament kontra din it-tip ta' deċiżjoni, l-istess raġunament ma jistax jiġi traspost għad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar miżuri individwali [5].

36. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u b'mod skematiku, għalkemm terzi jistgħu, suġġett li jagħtu prova tal-inċidenza diretta fuqhom, jippreżentaw rikors kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar skema ġenerali, huma jkunu jridu jagħtu prova tal-inċidenza individwali fuqhom meta d-deċiżjoni kkontestata tikkonċerna miżura individwali.

37. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-persuni li ma humiex id-destinatarji ta' deċiżjoni ma jistgħux jallegaw li huma kkonċernati individwalment fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE ħlief jekk din id-deċiżjoni tolqothom minħabba ċerti kwalitajiet li huma

[3] Ara, dwar din il-problema, Biernat, S., "Dostęp osób prywatnych do sądów unijnych po Traktacie z Lizbony (w świetle pierwszych orzeczeń)", *Europejski Przegląd Sądowy*, 2014, Nru 1, p. 12 *et seq.*

[4] Sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873).

[5] Deċiżjoni dwar għajnuna individwali ma tistax, kuntrarjament għal dawk li jirrigwardaw skema ta' għajnuna, titqies bħala att ta' portata ġenerali u, għaldaqstant, regolatorju.

partikolari għalihom jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizzahom meta mqabbla mal-persuni l-oħra kollha u, minħabba dan il-fatt, tindividwalizzahom b'mod analogu għad-destinatarju ta' tali deċiżjoni[6].

38. F'dan ir-rigward, u fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, meta rikorrent jikkontesta deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiftaħx il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE b'tali mod li jiżgura s-salvagwardja tad-drittijiet proċedurali li huwa għandu taħt din id-dispożizzjoni, il-kwalità biss ta' parti interessata, fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikolu 1(h) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999[7], hija biżżejjed sabiex tindividwalizzah b'mod analogu għad-destinatarju tad-deċiżjoni kkontestata[8].

39. Min-naħa l-oħra, dan ma huwiex il-każ meta r-rikors ikollu l-għan li jikkontesta l-fondatezza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat: is-sempliċi kwalità ta' parti interessata, u għalhekk ta' kompetitur, ma hijiex biżżejjed biex tistabbilixxi l-inċidenza individwali. Ir-rikorrent irid għalhekk juri li għandu status partikolari fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, li d-deċiżjoni inkwistjoni ġiet adottata fi tmiem il-fażi ta' investigazzjoni preliminari prevista fl-Artikolu 108(3) TFUE jew fi tmiem il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE.

40. Is-sentenza Cofaz *et* vs Il-Kummissjoni[9] ppermettiet, għall-ewwel darba, li jiġi spjegat dak li kien jimplika tali rekwiżit, fir-rigward tar-rikorsi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat ippreżentati minn kompetituri. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni kienet element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami tal-inċidenza individwali fuqha, "*jekk, madankollu,* il-pożizzjoni [tagħha] fis-suq hija sostanzjalment affettwata mill-għajnuna li hija s-suġġett tad-deċiżjoni inkwistjoni"[10].[traduzzjoni mhux uffiċjali]

41. Fi kliem ieħor, l-inċidenza individwali fuq il-kompetitur li jippreżenta rikors intiż sabiex jikkontesta l-fondatezza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat hija suġġetta għall-prova tal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni tiegħu fis-suq. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ulterjorment li din il-kundizzjoni kienet il-kundizzjoni essenzjali li tippermetti li tiġi stabbilita l-inċidenza individwali, filwaqt li l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-proċedura amministrattiva ma tikkostitwixxix kundizzjoni neċessarja sabiex tintwera l-inċidenza individwali fuq il-kompetitur[11] iżda "element rilevanti"[12] f'dan ir-rigward.

42. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja jivverifikaw sistematikament, fl-istudju tal-ammissibbiltà tar-rikors, l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni fis-suq tal-kompetitur li jkun ippreżenta rikors intiż sabiex jikkontesta l-fondatezza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat.

6 Sentenzi tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni tal-KEE (25/62, EU:C:1963:17, p. 223); tat-22 ta' Novembru 2007, Sniace vs Il-Kummissjoni (C-260/05 P, EU:C:2007:700, punt 53), u tad-9 ta' Lulju 2009, 3F vs Il-Kummissjoni (C-319/07 P, EU:C:2009:435, punt 29).

7 Regolament tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

8 Sentenza tal-24 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs Kronoply u Kronotex (C-83/09 P, EU:C:2011:341, punt 48).

9 Sentenza tat-28 ta' Jannar 1986 (169/84, EU:C:1986:42).

10 Sentenza tat-28 ta' Jannar 1986, Cofaz *et* vs Il-Kummissjoni (169/84, EU:C:1986:42, punt 25).

11 Sentenza tat-22 ta' Novembru 2007, Sniace vs Il-Kummissjoni (C-260/05 P, EU:C:2007:700, punt 57).

12 Sentenza tat-22 ta' Novembru 2007, Sniace vs Il-Kummissjoni (C-260/05 P, EU:C:2007:700, punt 56).

43. Għalkemm il-ġurisprudenza llum hija stabbilita fuq dan il-punt, madankollu hija nieqsa miċ-ċarezza fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-inċidenza *sostanzjali* fuq il-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrent, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-metodi u l-istandard ta' prova meħtieġa sabiex din tiġi stabbilita.

44. Fil-fatt, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, inizjalment, aċċettaw evalwazzjoni pjuttost flessibbli ta' din il-kundizzjoni, għandu jiġi kkonstatat li din it-tendenza ġurisprudenzjali llum teżisti ma' tendenza ġdida fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, iktar restrittiva, li għandha l-effett li tiddikjara inammissibbli l-parti l-kbira tar-rikorsi ppreżentati mill-kompetituri tal-benefiċjarju ta' miżura, minħabba n-nuqqas ta' inċidenza *sostanzjali* fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom.

### *1. Evalwazzjoni oriġinarjament flessibbli tal-kundizzjoni marbuta mal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni tar-rikorrent fuq is-suq*

45. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, mis-sentenza Cofaz *et* vs Il-Kummissjoni [13], li l-prova tal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni tar-rikorrent fis-suq ma timplikax, għall-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha tiddeċiedi b'mod definittiv fuq ir-relazzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn ir-rikorrent u l-impriżi benefiċjarji, iżda teħtieġ biss min-naħa tar-rikorrent li dan jindika "b'mod rilevanti r-raġunijiet li għalihom id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' tkun ta' ħsara għall-interessi leġittimi [tiegħu] billi taffettwa sostanzjalment il-pożizzjoni [tiegħu] fis-suq inkwistjoni" [14].

46. Fuq din il-bażi, il-prassi ġurisprudenzjali li segwiet is-sentenza Cofaz *et* vs Il-Kummissjoni [15] ammettiet faċilment li l-kundizzjoni dwar l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni tar-rikorrent fis-suq tista' tiġi ssodisfatta. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali spiss irrikonoxxew l-eżistenza ta' din l-inċidenza sostanzjali, peress li r-rikorrent kien il-kompetitur dirett tal-impriża benefiċjarja tal-għajnuna f'suq fejn ftit operaturi kienu preżenti [16], filwaqt li ġie ppreċiżat li jekk tali inċidenza tkun stabbilita, il-fatt li numru mhux definit ta' kompetituri jistgħu jinvokaw inċidenza analoga ma jistax jipprekludi r-rikonoxximent tal-inċidenza individwali fuq ir-rikorrent [17].

47. L-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrent tirriżulta għalhekk mhux minn analiżi fil-fond tad-diversi relazzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq inkwistjoni li tippermetti li tiġi stabbilita bi preċiżjoni l-portata tal-inċidenza fuq il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu iżda, bħala prinċipju, minn konstatazzjoni *prima facie* li l-għoti tal-miżura prevista mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni twassal sabiex taffettwa sostanzjalment din il-pożizzjoni.

48. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet li l-kundizzjoni dwar l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrent fis-suq tista' tiġi ssodisfatta meta dan iressaq provi li juru li l-miżura inkwistjoni *tista'* taffettwa sostanzjalment il-pożizzjoni fis-suq [18].

13 Ara s-sentenza tat-28 ta' Jannar 1986 (169/84, EU:C:1986:42, punt 28).

14 Ara, ukoll, is-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Lenzing (C-525/04 P, EU:C:2007:698, punt 41), kif ukoll tat-22 ta' Novembru 2007, Sniace vs Il-Kummissjoni (C-260/05 P, EU:C:2007:700, punt 60).

15 Sentenza tat-28 ta' Jannar 1986 (169/84, EU:C:1986:42).

16 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-27 ta' April 1995, ASPEC *et* vs Il-Kummissjoni (T-435/93, EU:T:1995:79, punti 65 *et seq.*); tas-27 ta' April 1995, AAC *et* vs Il-Kummissjoni (T-442/93, EU:T:1995:80, punti 50 *et seq.*); tat-22 ta' Ottubru 1996, Skibsvaerftsforeningen *et* vs Il-Kummissjoni (T-266/94, EU:T:1996:153, punt 46), kif ukoll tal-5 ta' Novembru 1997, Ducros vs Il-Kummissjoni (T-149/95, EU:T:1997:165, punt 42). Din il-ġurisprudenza ġiet ikkonfermata mis-sentenza tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Lenzing (C-525/04 P, EU:C:2007:698, punt 37).

17 Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni (C-487/06 P, EU:C:2008:757, punt 56).

18 Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni (C-487/06 P, EU:C:2008:757, punt 38).

49. Fit-tieni lok, l-elementi ammessi mill-ġurisprudenza sabiex tiġi stabbilita tali inċidenza sostanzjali jixhdu wkoll l-evalwazzjoni oriġinarjament flessibbli ta' din il-kundizzjoni.

50. B'hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li din l-inċidenza sostanzjali ma għandhiex neċessarjament tiġi dedotta minn elementi bħal tnaqqis sostanzjali tad-dħul mill-bejgħ, telf finanzjarju mhux negliġibbli jew ukoll tnaqqis sinjifikattiv tal-partijiet tas-suq wara l-għoti tal-miżura inkwistjoni. L-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni tar-rikorrent fis-suq tista' wkoll tiġi stabbilita billi titressaq il-prova, b'mod partikolari, tal-*lucrum cessans* ikkawżat mill-miżura inkwistjoni jew ta' żvilupp inqas favorevoli minn dak li kien jiġi rreġistrat fl-assenza ta' tali għajnuna. Barra minn hekk, l-intensità tal-effett ħażin fuq il-pożizzjoni tar-rikorrent fis-suq tista' tvarja skont numru kbir ta' fatturi bħal, b'mod partikolari, l-istruttura tas-suq inkwistjoni jew in-natura tal-miżura inkwistjoni. Il-prova ta' effett ħażin sostanzjali fuq il-pożizzjoni ta' kompetitur fis-suq ma tistax, għaldaqstant, tkun limitata għall-prova ta' numru limitat ta' elementi li jindikaw tnaqqis fil-prestazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tar-rikorrent[19].

51. Minkejja dawn il-prinċipji stabbiliti b'mod kostanti fil-ġurisprudenza, il-maġġoranza kbira tar-rikorsi ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali mill-kompetituri tal-benefiċjarju ta' għajnuna u intiżi sabiex jikkontestaw il-fondatezza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni issa huma meqjusa bħala inammissibbli minħabba li r-rikorrenti ma rnexxilhomx juru li l-pożizzjoni tagħhom fis-suq kienet affettwata b'mod sostanzjali[20]. B'hekk dan l-aħħar, fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali b'mod partikolari, feġġet evalwazzjoni iktar stretta tal-kundizzjoni marbuta mal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni tar-rikorrent.

### *2. L-iżvilupp ta' evalwazzjoni restrittiva tal-kundizzjoni dwar l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni fis-suq tal-kompetitur*

52. Skont din ix-xejra ġurisprudenzjali, l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni fis-suq tal-kompetitur tal-benefiċjarju tal-miżura inkwistjoni tista' tiġi stabbilita biss jekk il-kompetitur jirnexxielu juri l-"partikolarità" tas-sitwazzjoni kompetittiva tiegħu, jiġifieri li din il-miżura affettwatu aktar milli affetwat lil kompetituri oħrajn tal-benefiċjarju[21]. Fi kliem ieħor, l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrent ma tiġix evalwata fir-rigward biss tal-impatt li l-miżura studjata jista' jkollha fuq il-pożizzjoni tar-rikorrent waħdu f'suq partikolari iżda bi tqabbil mal-inċidenza fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-kompetituri l-oħrajn tal-benefiċjarju.

53. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li l-pożizzjoni kompetittiva ta' kompetitur ieħor tista', potenzjalment, tiġi affettwata mill-miżura inkwistjoni daqs il-pożizzjoni tar-rikorrent huwa biżżejjed sabiex jiġi eskluż li dan tal-aħħar jista' jkun ikkonċernat individwalment mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrigwarda din il-miżura.

[19] Sentenzi tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Lenzing (C-525/04 P, EU:C:2007:698, punti 34 u 35); tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni (C-487/06 P, EU:C:2008:757, punt 53); tat-12 ta' Ġunju 2014, Sarc vs Il-Kummissjoni (T-488/11, mhux ippubblikata, EU:T:2014:497, punt 36), u tal-5 ta' Novembru 2014, Vtesse Networks vs Il-Kummissjoni (T-362/10, EU:T:2014:928, punt 40).

[20] Ara, b'mod partikolari, għall-kawżi l-iktar emblematiċi, id-digriet tas-27 ta' Mejju 2004, Deutsche Post u DHL vs Il-Kummissjoni (T-358/02, EU:T:2004:159); is-sentenzi tal-10 ta' Frar 2009, Deutsche Post u DHL International vs Il-Kummissjoni (T-388/03, EU:T:2009:30); tat-22 ta' Ġunju 2016, Whirlpool Europe vs Il-Kummissjoni (T-118/13, EU:T:2016:365), u tal-11 ta' Lulju 2019, Air France vs Il-Kummissjoni (T-894/16, EU:T:2019:508). Din il-ġurisprudenza wasslet lil ċerti awturi sabiex jikklassifikaw il-prova tal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrent bħala "*probatio diabolica*" u sabiex iqajmu dubji dwar il-kompatibbiltà tagħha mal-Artikolu 47 tal-Karta. Ara de Moncuit, A. u Signes de Mesa, J. I., *Droit procédural des aides d'État*, l-ewwel edizzjoni, 2019, Bruylant, Brussell, p. 162, u Thomas, S., "Le rôle des concurrents dans les procédures judiciaires concernant des régimes d'aides d'État ou des aides individuelles. Montessori: le début d'une révolution?", *Revue des affaires européennes*, 2019, Nru 2, p. 264.

[21] Sentenza tal-10 ta' Frar 2009, Deutsche Post u DHL International vs Il-Kummissjoni (T-388/03, EU:T:2009:30, punt 38).

54. Minn dan jirriżulta li l-Qorti Ġenerali issa timponi standard ta' prova partikolarment għoli fir-rigward tal-elementi li jistgħu jiġu prodotti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza tal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva fis-suq. B'hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-kundizzjoni dwar l-inċidenza sostanzjali fuq ir-rikorrent ma kinitx issodisfatta peress li ma setax jiġi stabbilit li r-rikorrent kien *iktar kapaċi* mill-medja tal-kompetituri l-oħra biex jilqa' d-domanda liberata permezz tal-għejbien mis-suq tal-impriża benefiċjarja tal-miżura, b'tali mod li r-rikorrent ma kienx wera li sofra telf ta' qligħ kbir biżżejjed *meta mqabbel mal-kompetituri l-oħra* [22].

55. Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali qieset li anki jekk il-miżura inkwistjoni hija tali li twassal għal tnaqqis fl-attività tar-rikorrent fis-suq, dan ma jippermettix li l-inċidenza fuq il-pożizzjoni fis-suq tar-rikorrent tiġi kkwalifikata bħala "sostanzjali" peress li ma huwiex stabbilit li s-sitwazzjoni tiegħu *hija differenti minn dik tal-kompetituri l-oħra* [23].

56. Barra minn hekk, jidher naturalment inqas faċli għal rikorrent li juri inċidenza ikbar fuq il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu milli fuq dik tal-kompetituri l-oħra, meta jkollu, jekk tali kriterju japplika, ftit elementi dwar il-pożizzjoni eżatta tal-kompetituri tiegħu fis-suq inkwistjoni.

57. Għaldaqstant jidhirli li tali linja ta' ġurisprudenza hija eċċessivament restrittiva u ma taqbilx mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [24]. Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li, fil-fehma tiegħi, il-fatt li rikorrent jiġi obbligat juri li l-pożizzjoni tiegħu hija l-iktar affettwata minn miżura, billi jqabbel is-sitwazzjoni tiegħu ma' dik tal-kompetituri l-oħra fis-suq, jinvolvi trasformazzjoni tal-kriterju. Skont dan ir-raġunament, meħud fl-estrem, il-kundizzjoni dwar l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni tagħhom fis-suq ma tistax tiġi ssodisfatta meta żewġ operaturi jkunu affettwati minn miżura ta' għajnuna, anki jekk il-miżura inkwistjoni setgħet affettwat sostanzjalment kull operatur meħud individwalment.

58. Fil-fehma tiegħi, in-nuqqas ta' inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni fis-suq tal-kompetituri l-oħra ma jistax ikun il-kriterju li jippermetti li jiġi stabbilit li r-rikorrent huwa affettwat b'mod sostanzjali [25]. Ma huwiex il-każ li jsir paragun bejn is-sitwazzjoni tal-kompetituri kollha preżenti fis-suq inkwistjoni. L-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu hija element speċifiku għar-rikorrent, li għandu jiġi evalwat biss fir-rigward tal-pożizzjoni tiegħu fis-suq qabel l-għoti tal-miżura li hija s-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata, jew fin-nuqqas tal-għoti tagħha.

### *3. Il-prova tal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni tal-kompetitur fis-suq*

59. B'mod prattiku, jiena tal-fehma li, sabiex tiġi ssodisfatta din il-kundizzjoni, huwa l-ewwel nett ir-rikorrent li għandu juri li l-pożizzjoni tiegħu fis-suq ġiet sostanzjalment affettwata minn diversi elementi, kemm jekk sofra tnaqqis fil-prestazzjonijiet tiegħu kif ukoll jekk kellu telf ta' qligħ, u għalhekk ivarjaw skont il-każ [26].

[22] Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2016, Whirlpool Europe vs Il-Kummissjoni (T-118/13, EU:T:2016:365, punt 52).

[23] Sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, Air France vs Il-Kummissjoni (T-894/16, EU:T:2019:508, punti 61 u 68).

[24] Ara l-punt 46 ta' dawn il-konklużjonijiet u s-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni (C-487/06 P, EU:C:2008:757, punt 56). Dwar dan is-suġġett, ara wkoll Creve, B. A. "Locus Standi Requirements for Annulment Actions by Competitors: The Resurfacing "Unique Position Test" Ought to Be Discarded", *European State Aid Law Quarterly*, 2014, Vol. 13, Nru 2, p. 233.

[25] Tali assenza ta' inċidenza fuq il-kompetituri l-oħra tista' tikkostitwixxi biss indizju tal-fatt li r-rikorrent huwa effettivament sostanzjalment affettwat mill-miżura inkwistjoni.

[26] Ara l-punt 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

60. Il-prova ta' effett ħażin sostanzjali tippresupponi sussegwentement li r-rikorrent jippreċiża s-suq li fih, minn naħa, huwa jinsab f'relazzjoni ta' kompetizzjoni mal-benefiċjarju tal-miżura u, min-naħa l-oħra, huwa jqis li l-pożizzjoni kompetittiva tiegħu ġiet affettwata. F'dan ir-rigward, elementi dwar l-istruttura tas-suq huma ċertament rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-portata tal-effett ħażin fuq is-sitwazzjoni tar-rikorrent, peress li din tista' tvarja, b'mod partikolari, minħabba d-daqs ta' dan is-suq[27].

61. Nenfasizza li n-nuqqas ta' preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-istruttura tas-suq, in-numru ta' kompetituri preżenti u l-partijiet tas-suq rispettivi tagħhom min-naħa l-oħra ma jistax jimplika awtomatikament li r-rikorrent ma weriex li l-miżura inkwistjoni kienet taffettwa sostanzjalment il-pożizzjoni tiegħu f'dan is-suq. Fil-fatt, tali inċidenza tista' tirriżulta wkoll minn ċirkustanzi oħra minbarra s-sempliċi evoluzzjoni tal-partijiet tas-suq tad-diversi kompetituri[28].

62. Fl-aħħar nett, ir-rikorrent irid jistabbilixxi li l-miżura msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni kkontestata hija waħda mill-kawżi tal-effett ħażin fuq il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu. F'dan ir-rigward, nenfasizza li r-rabta kawżali li jeħtieġ li tiġi stabbilita sabiex jintwera li l-miżura inkwistjoni taffettwa sostanzjalment il-pożizzjoni tar-rikorrent fis-suq ma tistax twassal sabiex ikun meħtieġ li l-effett ħażin fuq il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu jkun esklużivament ikkawżat mill-miżura[29].

63. Fil-fatt, jiena tal-fehma li, fir-rigward biss li tiġi stabbilita l-ammissibbiltà tar-rikors u mhux, bħala eżempju, li jiġi ddeterminat jekk ir-rikorrent jistax jew le jikseb kumpens għal dannu eventwalment subit wara l-ħlas tal-miżura inkwistjoni, ir-rekwiżit ta' rabta kawżali bejn il-miżura ta' għajnuna u l-effett ħażin fuq il-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrent għandu jiġi evalwat b'mod flessibbli. Fi kliem ieħor, fil-fehma tiegħi, huwa biżżejjed li din il-miżura tkun *kawża* tal-effett ħażin fuq il-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrent. Il-fatt li elementi oħra setgħu kkontribwixxew sabiex jaffettwaw sostanzjalment il-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrent fis-suq rilevanti ma jistax, fih innifsu, jeskludi li l-kundizzjoni dwar l-inċidenza individwali tista' tiġi ssodisfatta.

64. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li ser neżamina r-raba' sas-sitt parti tal-ewwel aggravju tal-appell.

### *B. Fuq ir-raba' parti tal-ewwel aggravju*

65. Permezz tar-raba' parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li peress li hija ma kinitx ippreċiżat l-ammont li permezz tiegħu hija kienet ipparteċipat fil-finanzjament tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn u fis-sussidju ta' Ryanair, bħala azzjonista u klijenta ta' Fraport, ma setgħetx tiġi stabbilita l-portata tal-effett ħażin fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha li hija sofriet bħala konsegwenza.

66. Skont l-appellanti, is-sempliċi fatt li kkofinanzjat parti mill-miżuri msemmija mill-Kummissjoni huwa biżżejjed sabiex jindividwalizzaha b'mod analogu għad-destinatarju tal-għajnuna, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx teżiġi li hija turi wkoll li l-pożizzjoni tagħha fis-suq kienet ġiet affettwata sostanzjalment mill-parteċipazzjoni tagħha fil-miżuri.

27 Sentenza tal-5 ta' Novembru 2014, Vtesse Networks vs Il-Kummissjoni (T-362/10, EU:T:2014:928, punt 41).

28 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, Asociación de Estaciones de Servicio de Madrid et Federación Catalana de Estaciones de Servicio vs Il-Kummissjoni (T-146/03, mhux ippubblikata, EU:T:2006:386, punt 50), fejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni ta' rikorrent fis-suq setgħet tiġi stabbilita mit-trasferiment ta' wħud mill-klijenti tiegħu lill-benefiċjarju tal-għajnuna, mingħajr ma dan it-trasferiment kien rifless preċiżament f'partijiet tas-suq.

29 Kif issemma fis-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, Air France vs Il-Kummissjoni (T-894/16, EU:T:2019:508, punt 65).

67. Għalhekk, l-appellanti ma tinvokax il-kwalità tagħha ta' kompetitriċi tal-impriża benefiċjarja tal-għajnuna, iżda dik ta' entità li pparteċipat fil-finanzjament ta' ċerti miżuri msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija ġustament issostni li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx teżamina dan l-argument mill-perspettiva biss tal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha fis-suq.

68. Fil-fatt, għalkemm dan il-kriterju huwa rilevanti għad-determinazzjoni tal-inċidenza individwali fuq il-kompetituri tal-benefiċjarju ta' miżura, ma jistax jiġi rikjest li l-imsemmi kriterju jiġi ssodisfatt minn entitajiet li pparteċipaw fil-finanzjament ta' din il-miżura sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni dwar l-inċidenza individwali fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE [30].

69. Madankollu, nirrileva li, sabiex tiċħad l-argument tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali essenzjalment ibbażat ruħha fuq il-fatt li l-appellanti ma kinitx ippreċiżat l-ammont li kienet ikkontribwixxiet għal dan il-finanzjament bħala azzjonista ta' Fraport.

70. Issa, din il-preċiżazzjoni kienet tabilħaqq indispensabbli sabiex tiġi stabbilita l-inċidenza individwali fuq l-appellanti.

71. Fil-fatt, l-appellanti pparteċipat fil-finanzjament tal-miżuri biss b'mod indirett ħafna, minn naħa, minħabba t-tariffi ajruportwali li hija tħallas lil Fraport fil-kuntest tal-attività tagħha. Min-naħa l-oħra, hija tinvoka l-kwalità tagħha ta' azzjonista minoritarja ta' Fraport, li hija stess hija azzjonista fil-kumpannija li topera l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u li ppermettiet l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mill-Kummissjoni.

72. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u ħlief jekk jiġi kkunsidrat li numru potenzjalment infinit ta' entitajiet, jiġifieri l-kumpanniji kollha li joperaw fl-ajruport ta' Frankfurt am Main u li jħallsu tariffi lil Fraport, kif ukoll l-azzjonisti kollha ta' Fraport, jew l-azzjonisti ta' dawn l-azzjonisti, jistgħu jippretendu li pparteċipaw fil-finanzjament tal-miżura msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni u b'hekk ikunu awtomatikament ikkonċernati individwalment minn din id-deċiżjoni, kien neċessarju li l-appellanti turi l-portata tal-parteċipazzjoni tagħha sabiex tistabbilixxi li hija kienet effettivament affettwata individwalment mill-miżuri inkwistjoni.

73. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li wettqet tali verifika u li minnha kkonkludiet li ma kienx hemm inċidenza individwali, b'tali mod li r-raba' parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda.

## *C. Fuq il-ħames parti tal-ewwel aggravju*

74. Permezz tal-ħames parti tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ma tathiex tnaqqis fl-oneru tal-prova tal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni tagħha fis-suq. Hija tinvoka tliet argumenti insostenn ta' din l-affermazzjoni.

[30] Ara, b'analoġija, fir-rigward tal-ġurisprudenza li tirrikonoxxi l-inċidenza individwali fuq entitajiet pubbliċi li pparteċipaw fil-finanzjament tal-għajnuna, is-sentenzi tat-30 ta' April 1998, Vlaamse Gewest vs Il-Kummissjoni (T-214/95, EU:T:1998:77, punt 28); tas-6 ta' Marzu 2002, Diputación Foral de Álava *et* vs Il-Kummissjoni (T-127/99, T-129/99 u T-148/99, EU:T:2002:59, punt 50); tat-23 ta' Ottubru 2002, Diputación Foral de Guipúzcoa *et* vs Il-Kummissjoni (T-269/99, T-271/99 u T-272/99, EU:T:2002:258, punt 41), kif ukoll tat-23 ta' Ottubru 2002, Diputación Foral de Álava *et* vs Il-Kummissjoni (T-346/99 sa T-348/99, EU:T:2002:259, punt 37).

75. L-ewwel nett, hija ssostni li l-kundizzjoni dwar l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni tagħha fis-suq tista' tiġi rikjesta biss jekk il-miżuri previsti mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni jiġu effettivament ikklassifikati bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

76. Kif tenfasizza l-Kummissjoni, tali argument ma huwa bbażat fuq ebda bażi, u għandu jiġi miċħud. Minn naħa, xejn ma jiġġustifika li r-regoli ta' ammissibbiltà għandhom jiddependu fuq il-fatt li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija pożittiva jew negattiva. Min-naħa l-oħra, kif tirrileva l-appellanti stess, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tuża l-kundizzjoni dwar l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrent, irrispettivament minn jekk il-miżura prevista mid-deċiżjoni kkontestata tkunx ikklassifikata jew le bħala għajnuna [31].

77. It-tieni nett, l-appellanti ssostni li l-Kummissjoni wettqet eżami inkomplet tal-miżuri inkwistjoni, ma kkwantifikathomx b'mod preċiż u wettqet interpretazzjoni żbaljata tad-dritt nazzjonali. Minn dan jirriżulta nuqqas ta' simetrija fl-informazzjoni għad-detriment tagħha, li jiġġustifika tnaqqis tal-oneru tal-prova.

78. Hawnhekk ukoll, tali argument ma jistax jintlaqa'. Ma jidhirx b'mod ċar kif eżami inkomplet u interpretazzjoni żbaljata tad-dritt nazzjonali wasslu għal nuqqas ta' simetrija ta' informazzjoni għad-detriment tal-appellanti.

79. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi rrilevat, fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fil-punti 57 sa 62 ta' dawn il-konklużjonijiet u kif issostni l-Kummissjoni, li l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tintwera l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-appellanti fis-suq tinsab biss fl-isfera tal-poter tagħha. Għalhekk, l-appellanti tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex tevalwa din l-inċidenza. Peress li l-appellanti hija l-unika obbligata li turi l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tagħha fis-suq wara l-ħlas tal-miżura u li tistabbilixxi rabta, anki probabbli u mhux esklużiva, bejn l-effett ħażin fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha u l-ħlas tal-miżura, ebda nuqqas ta' simetrija ta' informazzjoni ma jista' jiġġustifika tnaqqis tal-oneru tal-prova.

80. It-tielet nett, l-appellanti tiddikjara li, sa fejn hija setgħet tibbenefika minn tnaqqis tal-oneru tal-prova, hija effettivament ipproduċiet il-prova tal-inċidenza sostanzjali fuqha billi semmiet il-vantaġġi li bbenefikat minnhom Ryanair u li minnhom "neċessarjament" tirriżulta inċidenza sostanzjali.

81. Madankollu, sa fejn xejn ma jiġġustifika li l-appellanti tibbenefika minn tnaqqis fl-oneru tal-prova, dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, l-appellanti ma tistax sempliċement tafferma li mill-miżuri inkwistjoni tirriżulta "neċessarjament" inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha, mingħajr ma tissostanzja l-argument tagħha.

82. Għaldaqstant, il-ħames parti tal-ewwel aggravju tal-appell għandha tiġi miċħuda.

[31] Ara, dwar l-applikazzjoni tal-kundizzjoni marbuta mal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrent fil-preżenza ta' miżura kklassifikata bħala għajnuna, is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2015, Mory *et* vs Il-Kummissjoni (C-33/14 P, EU:C:2015:609), u, dwar dik fil-preżenza ta' miżura li ma tikkostitwixxix għajnuna, tat-22 ta' Novembru 2007, Sniace vs Il-Kummissjoni (C-260/05 P, EU:C:2007:700).

### *D. Fuq is-sitt parti tal-ewwel aggravju*

83. Permezz tas-sitt parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha, b'mod partikolari billi kkunsidrat li hija kellha tiddefinixxi s-suq rilevanti li fih il-pożizzjoni tagħha hija affettwata u li turi rabta kawżali bejn il-miżura inkwistjoni u l-inċidenza tagħha. Insostenn ta' din il-parti, l-appellanti tqajjem diversi argumenti.

84. Fl-ewwel lok, nirrileva li ħafna mill-argumenti tagħha għandhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi.

85. Minn naħa, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kkunsidrat li hija kellha tiddefinixxi s-suq materjalment u ġeografikament rilevanti fid-dawl tal-prinċipji relatati mad-dritt tal-konċentrazzjonijiet u li b'hekk irrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni s-suq li hija kienet tqis bħala rilevanti, jiġifieri s-suq tat-traffiku tal-ajru tal-Unjoni. Il-Qorti Ġenerali rrifjutat ukoll b'mod żbaljat li tieħu inkunsiderazzjoni ċerti elementi dwar it-tkabbir ta' Ryanair fis-suq tat-traffiku tal-ajru Ewropew, li jindikaw b'mod partikolari l-evoluzzjoni tal-partijiet tas-suq f'dan is-suq.

86. Min-naħa l-oħra, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ddeċidiet li hija ma kinitx uriet is-sovrappożizzjonijiet reali bejn ir-rotot tal-ajru li hija topera u dawk operati minn Ryanair.

87. Huwa minnu li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 150, 154 u 156 tas-sentenza appellata, li l-appellanti ma kinitx ipproduċiet elementi dwar is-swieq li fihom il-pożizzjoni kompetittiva tagħha ġiet affettwata u lanqas ebda informazzjoni dwar l-istruttura tagħhom u l-kompetituri preżenti f'dawn is-swieq. Barra minn hekk, minn dawn il-punti jidher li jirriżulta li l-preċiżazzjonijiet dwar l-istruttura tas-suq huma, għall-Qorti Ġenerali, elementi neċessarji sabiex tintwera l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-appellanti. Kif indikajt fil-punt 60 ta' dawn il-konklużjonijiet, dan ir-rekwiżit imur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ mill-kompetituri sabiex jistabbilixxu l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom. Is-sempliċi nuqqas ta' preċiżjonijiet dwar l-istruttura tas-suq ma jistax jimplika awtomatikament li l-prova tal-inċidenza sostanzjali ma ġietx prodotta.

88. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali effettivament iddeċidiet, fil-punt 153 tas-sentenza appellata, li l-appellanti ma kienet ipproduċiet ebda prova tal-eżistenza tas-sovrappożizzjonijiet inkwistjoni.

89. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ma bbażatx ruħha fuq dawn l-elementi biss sabiex tikkunsidra li l-appellanti ma kinitx uriet l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha.

90. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali studjat ukoll l-argumenti tal-appellanti intiżi li juru l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha fi swieq differenti li jikkorrispondu għar-rotot tal-ajru li jsiru kemm mill-appellanti kif ukoll minn Ryanair, kif ukoll fis-suq ikbar tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru. Il-Qorti Ġenerali għalhekk ikkompletat ir-raġunament tagħha billi ammettiet l-eżistenza, minn naħa, tas-swieq li fihom l-appellanti allegat li l-pożizzjoni tagħha kienet sostanzjalment affettwata u, min-naħa l-oħra, tas-sovrappożizzjonijiet bejn ir-rotot tal-ajru li hija invokat u kkonkludiet, wara dan l-eżami, li l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-appellanti ma kinitx ġiet ipprovata.

91. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi akkużata li wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-appellanti ma kinitx ipproduċiet elementi dwar l-istruttura tas-swieq ikkonċernati u dwar il-kompetituri preżenti f'dawn is-swieq u lanqas ma stabbilixxiet l-eżistenza tas-sovrappożizzjonijiet li hija invokat.

92. Fit-tieni lok, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fl-istudju tal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha fis-suq, b'mod partikolari fl-istudju tar-rabta kawżali bejn il-miżuri inkwistjoni u l-elementi li hija kienet ressqet sabiex tistabbilixxi l-inċidenza fuq il-pożizzjoni tagħha fis-suq.

93. B'hekk hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li kien l-obbligu tal-appellanti li turi li l-implimentazzjoni tal-programm tagħha ta' ristrutturazzjoni Score kienet dovuta biss għall-miżuri li kienet ibbenefikat minnhom Ryanair. Fil-fatt, ir-ristrutturazzjoni tagħha hija "kontramiżura" li turi fiha nnifisha inċidenza fuq il-pożizzjoni tagħha fis-suq, b'tali mod li ma kienx neċessarju li tipproduċi prova tar-rabta kawżali.

94. Huwa minnu, kif issostni l-appellanti, li l-ġurisprudenza taċċetta li l-kompetitur tal-benefiċjarju ta' għajnuna jadotta ċerti miżuri, bħal programm ta' ristrutturazzjoni, sabiex jillimita l-effetti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu tal-implimentazzjoni ta' għajnuna favur il-benefiċjarju tagħha [32].

95. Madankollu, din il-ġurisprudenza għandha tinftiehem biss bħala li tippermetti li tiġi rrikonoxxuta, fin-nuqqas ta' degradazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika ta' kompetitur, l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha fis-suq minħabba li din l-assenza ta' degradazzjoni tista' tiġi spjegata mir-ristrutturazzjonijiet imwettqa.

96. Barra minn hekk, għalkemm l-adozzjoni ta' miżuri ta' rimedju minn kompetitur tista' tkun indizju ta' inċidenza fuq is-sitwazzjoni tiegħu fis-suq, xorta għandu jiġi stabbilit, minn naħa, li dan kien il-każ u, min-naħa l-oħra, li din kienet ir-riżultat, b'mod partikolari, tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' għajnuna favur wieħed mill-kompetituri tiegħu.

97. Il-Qorti Ġenerali setgħet għalhekk, mingħajr ma twettaq żball ta' liġi, tiddikjara li kien l-obbligu tal-appellanti li turi l-eżistenza ta' rabta bejn l-adozzjoni tal-programm ta' ristrutturazzjoni allegat u l-miżuri inkwistjoni.

98. Issa, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punti 166, 167 u 168 tas-sentenza appellata, li l-appellanti ma kienet ipprovdiet ebda dokumentazzjoni dwar il-programm ta' ristrutturazzjoni Score, u lanqas, tal-inqas, sunt tal-kontenut tiegħu, u li għalhekk ma kinitx f'pożizzjoni li tivverifika, f'dan il-każ, l-eżistenza ta' rabta bejn il-miżuri inkwistjoni u dan il-programm ta' ristrutturazzjoni.

99. Abbażi ta' dawn il-motivi, il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet li l-appellanti ma kinitx uriet li l-programm ta' ristrutturazzjoni kien sar neċessarju minħabba l-għajnuna mħallsa lil Ryanair u lill-ajruport ta' Frankfurt Hahn.

100. Fit-tielet lok, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ddeċidiet li hija ma kinitx uriet ir-rabta kawżali bejn il-miżuri inkwistjoni u ċ-ċaqliq tal-attivitajiet ta' Ryanair lejn l-ajruport ta' Frankfurt am Main. B'hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi peress li dan il-moviment wera l-inċidenza fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha.

32 Sentenza tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Lenzing (C-525/04 P, EU:C:2007:698, punti 35 u 36).

101. F'dan ir-rigward, l-appellanti tfakkar li sostniet, matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, li l-aġir ta' Ryanair kien jagħmel parti minn strateġija iktar globali intiża sabiex tistabbilixxi ruħha f'ajruporti reġjonali sabiex tikseb sussidji hemmhekk u sabiex sussegwentement tittrasferixxi l-attivitajiet tagħha lejn ajruporti oħra. Hija tafferma li, fil-kuntest tal-appell, qiegħda tressaq elementi oħra li jikkorroboraw din l-istrateġija u li jistabbilixxu r-rabta kawżali bejn il-miżuri inkwistjoni u ċ-ċaqliq tal-attivitajiet ta' Ryanair.

102. Billi tagħmel dan, l-appellanti madankollu qiegħda sempliċement tirrepeti l-argumenti diġà ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tikseb evalwazzjoni ġdida tal-fatti, u dan ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja [33].

103. Barra minn hekk, anki jekk jitqies li tista' tiġi stabbilita rabta kawżali bejn iċ-ċaqliq tal-attivitajiet ta' Ryanair u l-miżuri inkwistjoni li hija bbenefikat minnhom, kienet dejjem l-appellanti li kellha turi, qabel kollox, li tali ċaqliq kien affettwa sostanzjalment il-pożizzjoni kompetittiva tagħha. Issa, l-appellanti tillimita ruħha li tiddikjara li ċ-ċaqliq tal-attivitajiet ta' Ryanair kien jaffettwa "naturalment" il-pożizzjoni kompetittiva tagħha, mingħajr ma tressaq iktar elementi insostenn tal-affermazzjoni tagħha, kif ġustament tirrileva l-Qorti Ġenerali fil-punt 154 tas-sentenza appellata.

104. Fir-raba' lok, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-viċinanza ġeografika bejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u l-ajruport ta' Frankfurt am Main kienet biss indikattiva ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn dawn l-ajruporti. Din il-viċinanza ġeografika turi wkoll kompetizzjoni bejn ir-rotot differenti operati miż-żewġ ajruporti. Meta din il-kompetizzjoni tingħaqad mal-kobor tal-għajnuna, neċessarjament jirriżulta f'inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha.

105. Issa, fil-punti 159 u 161 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, jekk jitqies li l-viċinanza ġeografika tista' tkun indikattiva ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn Ryanair u l-appellanti, is-sempliċi kwalità ta' kompetitur tal-impriża benefiċjarja, flimkien mal-kobor allegat tal-għajnuna inkwistjoni, ma kinitx suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha.

106. Għaldaqstant, l-appellanti terġa' sempliċement tirrepeti l-argumenti diġà mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tikseb evalwazzjoni ġdida tal-fatti u fir-realtà tfittex li tikseb eżami mill-ġdid ta' dawn l-argumenti, u dan imur lil hinn mill-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

107. Fil-ħames lok, l-appellanti ssostni wkoll li l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-miżuri inkwistjoni u l-effetti tagħhom allegati mill-appellanti hija żbaljata. Hija ssostni li din il-kundizzjoni kienet issodisfatta, peress li l-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha, li hija ssostni li wriet, kienet tirriżulta b'mod suffiċjentement dirett mill-miżuri inkwistjoni.

[33] Sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 51), kif ukoll digriet tad-29 ta' Jannar 2020, Silgan Closures u Silgan Holdings vs Il-Kummissjoni (C-418/19 P, mhux ippubblikat, EU:C:2020:43, punt 71).

108. Madankollu, l-appellanti għal darba oħra sempliċement telenka fil-qosor l-effetti tal-miżuri fuq il-pożizzjoni ta' Ryanair u ssostni li minn dawn tirriżulta inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni tagħha fis-suq. B'hekk hija sempliċement tifformula mill-ġdid l-argumenti diġà ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina mill-ġdid dawn l-argumenti, ħaġa li, għal darba oħra, ma taqax fil-ġurisdizzjoni tagħha.

109. Fis-sitt u fl-aħħar lok, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 47 tal-Karta peress li, kif hija tallega li turi waqt l-argumenti tagħha, ir-rekwiżiti stabbiliti fis-sentenza tagħha jmorru lil hinn mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

110. Madankollu, nirrileva li l-appellanti bl-ebda mod ma ssostni l-argument tagħha f'dan ir-rigward u ma tippreċiżax liema huma dawn l-allegati rekwiżiti.

111. Fi kwalunkwe każ, sa fejn, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-inċidenza sostanzjali fuq il-pożizzjoni tal-appellanti fis-swieq differenti, l-argument ta' din tal-aħħar, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta li jirriżulta minn rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-ġurisprudenza ma jistax jintlaqa'.

112. Għaldaqstant, is-sitt parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha.

## VI. Konklużjoni

113. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, jiena tal-opinjoni li r-raba' sas-sitt partijiet tal-ewwel aggravju tal-appell għandhom jiġu miċħuda, mingħajr ma dan jippreġudika l-fondatezza tal-aggravji l-oħra tal-appell.